# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 5**

**Citaz. Nru. 668/95GV**

Doc. 124-01

**Sharon Borg**

**-vs-**

**Charles Caruana ezercitanti l-kummerc bl-isem tad-ditta Amalgamated Laundry & Dry Cleaning**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illli l-attrici kienet ikkonsenjat lilll-konvenut libsa tat-tieg u ohra ta' *Bridesmaid* maghmulin it-tnejn min harir pur u bizzilla Franciza, liema zewg ilbiesi gew hekk konsenjati lilu bl-iskop li jnaddafhom;

Premess illli meta dawn iz-zewgt ilbiesi gew konsenjati lill-attrici, skopriet li t-tnejn gew danneggjati b'mod illi b'ebda mod ma setghu jigu riparati;

Premess illli dawn iz-zewg ilbiesi gew danneggjati mill-konvenut minhabba negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' ezercizzju ta' arti u sengha fil-kors ta' tindif ta' dawn iz-zewg ilbiesi;

Premess illli l-konvenut kemm il-darba mitlub biex jaghmel tajjeb ghad-danni, li jikkonsistu fis-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) jew somma verjuri kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

L-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara lilll-konvenut responsabbli ghall-hsara kawzata liz-zewg ilbiesi fuq imsemmija; u

2 tikkundannah ihallas lill-attrici d-danni minnha sofferti fis-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) jew somma verjuri, okkorrendo billi jigu appuntati periti nominandi ghal dan l-iskop,

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Marzu, 1995 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Carles Caruana a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa;

1 Illi fl-ewwel lok il-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attrici billi hi ma kkonsenjatlu ebda hwejjeg;

2 Illi inoltre l-azzjoni attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma kkawza ebda hsarat fl-ilbies imsemmi mill-attrici, u anki jekk dawn sofrew xi hsarat, ghalihom ma hu bl-ebda mod responsabli l-konvenut;

3 Illi anki kieku finalment il-konvenut kellu jinstab li hu responsabbli ghal xi hsarat fl-ilbiesi, il-konvenut jissottometti li ghandu jigi kkundannat fl-ewwel lok jirripristina l-istess ilbiesi u fin-nuqqas ghandu jigi kkundannat jikkonsenja lill-attrici ilbiesi bhal dawk in kwistjoni u mhux il-valur taghhom, stante li dawn l-ilbiesi issa huma uzati u bhala ilbiesi tat-tieg ma ghandhom ebda valur kummercjali.

4 Illi l-valur ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) imsemmi mill-attrici hu ezorbitanti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti a fol. 85 u 96;

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku a fol. 105;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti: tiddikjara lill-konvenut responsabbili ghall hsara kawzata liz-zewg ilbies, tat-tieg u tal-*bridesmaid*; tikkundannah ihallas lill-attrici d-danni minnha sofferti fis-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) jew somma verjuri, okkorrendo billi jigu appuntati periti nominandi ghal dan l-iskop.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: fl-ewwel lok li m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici billi hi ma kkonsenjatlu ebda hwejjeg; Inoltre l-azzjoni attrici hi infondata billi l-konvenut ma kkawza ebda hsarat fl-ilbies imsemmi mill-attrici, u anke jekk sofriet xi hsarat, ghalihom ma hu bl-ebda mod responsabbili l-konvenut; finalment kieku l-konvenut kellu jinsab responsabbili ghal xi hsarat fl-ilbiesi, hu ghandu jigi kundannat fl-ewwel lok jirripristina l-istess ilbiesi u fin-nuqqas ghandu jigi kkundannat jikkonsenja lill-attrici ilbiesi bhal dawk in kwistjoni u mhux il-valur taghhom, stante li dawn l-ilbiesi issa huma uzati u bhala ilbiesi tat-tieg m'ghandhom ebda valur kummercjali. Il-valur ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) hu ezorbitanti.

**PROVI**

**L-attrici** xehdet li kienet hadet il-libsa tat-tieg u tal-*bridesmaid* ghand il-konvenuti ghal *dry cleaning*. Hi kienet ser tbiegh dawn l-ilbiesi lil Charlotte Callus u kienet irceviet deposit ta' Lm100. Il-materjal kien 100% *pure silk*. Meta rceviet lura l-ilbiesi dawn kienu bil-hsara. Il-konvenuti pprovaw jirrangawhom izda l-hsara kibret. Il-konvenuti wahhlu fil-materjal u qalu li ma kienx *pure silk*. Il-konvenuti kienu xtraw xi materjal bhalu biex jaghmlu testijiet. Billi ma waslux ghall-ftehim, marru ghand id-Dipartiment tal-Konsumatur. Kienu ftehmu mad-Dipartiment u

mal-konvenuti li jibghatu l-ilbies ghall-test l-Universita' ghand il-Profs. Scicluna Spiteri. Dan kien ghamel it-tests u infurmaha li l-materjal kien *pure silk* u li l-hsara kienet dovuta ghall "*exposure to a source of heat or light*". Il-konvenuti m'accettawx il-konkluzzjonijiet tal-espert u ghalhekk qabbdet avukat biex jipprocedi kontra l-konvenuti.

Lill-konvenuti kienet infurmathom li l-ilbiesi kienu *pure silk* u kienu jiehdu biss *dry cleaning*. Hi kienet hadet biss zewg ilbies ghad-*dry cleaning*. Tal-*flower girl*, haditha omm it-tifla ghand il-konvenuti, tlett gimghat wara li hi hadet taghha, u ma kienux accettaw li jaghmluhiela billi qalu li kellha tebgha.

Charlotte Callus tghix l-Ingilterra. Il-bizzilla wahedha swiet Lm200. Il-drapp kien Lm11.50 il-metru u xtrat 22 metru ghall-taghha u tal-*bridesmaid*. Lill-hajjata taghtha Lm200. Tal-*bridesmaid* taghtha Lm60. M'ghandiex ricevuta tad-drapp u tal-hajjata billi lill-din ta' l-ahhar taghtha l-flus bhala rigal ghax kienet habiba taghha.

**Profs. A. Scicluna Spiteri** xehed li gie mqabbad mid-Dipartiment tal-Konsumatur (fol. 26) biex jaghmel testijiet jekk il-libsa tat-tieg kienitx maghmula minn *pure silk* u fil-fatt mit-tests li ghamel irrizulta li kienet maghmula minn *pure silk*. Hu kkonferma r-rapport li ghamel a fol. 24 et seq fejn qal li l-materjal kien *pure silk* izda ma kellux bizzejjed biex jasal ghall konkluzzjoni x'ikkawza l-iskolorament. L-ewwel indikazzjoni li kellu kienet li l-kontestazzjoni kienet dwar jekk il-libsa kinitx *pure silk* jew le. Hu qal li ma jidhirlux li l-*bleaching* jiskolorixxi l-kulur imma jkun qed jippurifika l-materjal.

**Philip Alamango** xehed li kien biegh drapp ta' libsa tat-tieg lill-attrici li kien *pure silk*. *Pure silk u raw silk* huma l-istess haga. Il-process kif jindhadem hu differenti.

Huma jinhaslu bl-istess metodu, cioe' *dry cleaning*. Huma ma kienu ghamlu ebda process ta' *bleaching* lid-drapp qabel bieghu lill-attrici. Kien bieghu kif importah.

**Joseph Schembri,** Senior Trading Standards Officer, xehed dwar il *complaint* li l-attrici kienet ghamlet. Kien kellem lill-partijiet u kienu ftehemu li jibaghatu l-libsa l-laboratorju ghat testijiet. Il-libsa kienet giet ezaminata mill Profs. Scicluna Spiteri fl-Universita' li kien ghamel rapport. Meta rceva r-rapport hu kien kiteb lill-Professor (Dok. CC1 fol. 67 u barra minn Malta, fol. 69) u meta rceva l-informazzjoni minn barra hu rega' kiteb lill-Professur izda dana ma rrispondihx.

**Il-konvenut Charles Caruana** xehed li hu sar jaf lill-attrici meta dina kienet marret tillmenta dwar il-libsa. Meta jigu l-ilbiesi ghandhom dawn jigu ezaminati mill-impjegata taghhom Mary Farrugia. F'dan il-kaz Farrugia ddecidiet li l-libsa tinhasel b'*cold wash* billi kienet pjuttost mahmuga. Il-libsa imbaghad tigi mghoddija. L-attrici kienet ilmentat li l-libsa sfaritilha u riedet seba' mitt lira Maltin (Lm700) bhala danni. Kienu saru laqghat mid-Dipartiment tal-Konsumatur. Hu qal li r-*raw silk* ghandu tendenza li jisfar anke jekk ma jitghaddiex. Fuq kontro-ezami wiegeb li qabel ma jibdew il-process ghall-hasil huma jiccekkjaw ghal *damage*.

**Mary Farrugia**, impjegata mal-konvenut, xehdet li hi tahdem bhala supervisor. Meta jidhol xi xoghol ghat-tindif hi tiddeciedi jekk isirx *dry-cleaning* jew hasil bl-ilma skond il-materjal x'ikun. Dwar din il-libsa hija ddecidiet li dina ghandha tinhasel u mhux isir *dry-cleaning* billi l-hmieg imur aktar jekk tinhasel u dan it-tip ta' materjal seta jinhasel. Meta nhaslet hi ccekkjat il-libsa u ma kienx hemm xejn hazin. Meta giet ghall-libsa, l-attrici ilmentat li kien hemm *discolouration*. L-attrici kienet kellmet lill-konvenut. Regghu haslu l-libsa u regghu ghaddewha u l-libsa baqghet l-istess bhal l-ewwel okkazzjoni. Imbaghad ma regghetx kellmet lill-attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

L-espert tekniku Ivy Scerri nominata minn din l-Qorti ipprezentat a fol. 105 ir-relazzjoni taghha fejn, wara li rriferit ghax-xhieda moghtija mill-partijiet u ghad-dokumenti ezibiti fil-process, ikkonkludiet li:

1. il-libsa tat-tieg in kwistjoni hi 100% *raw silk*;
2. il-libsa tat-tieg fiha parti zghira mill-bizzilla miftuqa minn mal-hjata, izda din tista' facilment tigi mehjuta u rrangjata;
3. il-libsa tilfet il-kulur bajdani taghha u saret ta' kulur pjuttost safrani. Il-libsa tat-tieg u tal-*bridesmaid* tilfu l-kulur originali taghhom kagun ta' temperatura gholja li ntuzat waqt l-ipprocessar tad-*dry cleaning*;
4. Iz-zewg ilbiesi kienu saru ghall-okkazzjoni wahda u wara li jkunu ntlibsu ghal dik l-okkazzjoni l-valur taghhom jonqos konsiderevolment.

Il-Profs. Scicluna Spiteri kien iddecieda li l-materjal kien *pure silk*. Hu kkonkluda u qal li "*Various tests were carried out to establish the cause of the change in colour of dress; no conclusive results were obtained but indications pointed more to physical (e.g. high temperature) than to chemical factors (e.g. weak acids)" (fol. 24).*

Imbaghad f'ittra tieghu (a fol. 35) il-Profs. Scicluna Spiteri spjega ulterjorment:

*"I do not think that the application of steam was the cause of the damage which resulted in the change of colour in some parts of the dress. The reference to "high temperature" in my previous letter should indicate higher temperatures than that produced by steam"*

Hu ikkonkluda li:

*"If the appropriate precautions for pure silk were taken, no damage to the dress should have resulted."*

L-espert tal-Qorti ikkonkuldiet li:

"Il-libsa tat-tieg u tal-*bridesmaid* tilfu l-kulur originali taghhom kagun ta' temperatura gholja li ntuzat waqt l-ipprocessar tad-*dry cleaning*".

Jirrizulta mill-provi li Philip Alamango kien biegh lill-attrici materjal ghall-libsa tat-tieg li kien 100% *pure silk*. Dan it-tip ta' materjal kien jiehu biss *dry cleaning*. Alamango xehed ukoll li huma ma kienu ghamlu ebda process ta' *bleaching* lid-drapp qabel bieghuh lill attrici, u kien bieghu kif importah, cioe' bla ma missewh.

L-attrici kienet ghamlet libsa tat-tieg u tal-*bridesmaid* u wara li ntlibset fil-gurnata tat-tieg, hi kienet baghtitha ghall-*dry cleaning.* Hi kienet insistiet li l-libsa tigi *dry cleaned* izda irrizuta mill-provi li s-supervisor tad-ditta konvenuta Mary Farrugia ddecidiet li kellha tahsel l-ilbiesi u mhux taghtihom *dry cleaning*. Meta imbaghad l-attrici giet biex tirtirahom sabet li l-ilbiesi kienu *discoloured* u kellhom il-hsara u ghalhekk m'accettathomx. Mary Farrugia xehdet li l-ilbiesi ma kellhomx hsara izda dana gie kontradett mill-provi u mix-xhieda.

Meta l-attrici tat l-ilbiesi lill-konvenut ghat-tindif dawn kienu fi stat tajjeb ghax fil-fatt il-konvenut ghandu sistema li jiccekkjaw l-ilbiesi ghal *damage* qabel jaccettawhom u fil-fatt f'dana l-kaz huma accettawhom. Izda meta tlesta x-xoghol jirrizulta li l-ilbiesi gew *damaged*.

Ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat li gew kagunati fuq l-ilbiesi meta dawn kienu ghandhom ghat-tindif. Jirrizulta li ntuzat sistema ta' tindif li ma kienx jghodd ghall-materjal *pure silk* kif ukoll ghax l-ilbiesi gew esposti ghal temperaturi gholja. Inoltre kif hemm imsemmi fid-dok. a fol. 71 (dan qed jissemma ex abundantia u l-Qorti mhux qed tikkonkludi fuq dana l-fatt biss) "*Silk fabrics can be sensitive to spotting with water*".

**Likwidazzjoni tad danni**

L-attrici qed tippretendi seba' mitt lira Maltin (Lm700) bhala danni sofferti. Hi xehdet li kienet ser tbiegh l-ilbiesi lil Charlotte Callus li tghix l-Ingilterra u kienet irceviet deposit ta' mitt lira Maltin (Lm100) minghandha. Il-bizzilla wahedha swiet mitejn lira Maltin (Lm200). Il-drapp kien Lm11.50 il-metru u xtrat 22 metru ghal taghha u tal-*bridesmaid*. Lill-hajjata taghtha mitejn lira Maltin (Lm200). Tal-*bridesmaid* taghtha Lm60. B'kollox nefqet Lm713. Hi m'ghandiex ricevuta tad-drapp u tal-flus li hallset lill hajjata billi lill dina ta' l-ahhar taghtha l-flus bhala rigal ghax kienet habiba taghha.

L-attrici ma gabitx provi biex tissostanzja l-allegazzjoni taghha li hi kienet bieghet l-ilbiesi ghall Lm700 lil Callus. Lanqas ma esebiet l-ircevuta tal Lm100 *deposit* li allegatament Callus taghtha.

Dwar il-valur tal-ilbiesi l-espert Scerri qalet li z-zewg ilbiesi kienu saru ghall-okkazzjoni wahda u wara li jkunu ntlibsu ghall dik l-okkazzjoni l-valur taghhom jonqos konsiderevolment.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti tiddeciedi *arbitrio boni viri* li takkorda lill-attrici s-somma ta' Lm350 bhala danni. Il-konvenut illum ma jistax jirripristina l-ilbiesi ghall istat li kienu billi l-hsara ma tistax tigi rrangata.

Kwantu ghall-ispejjez tal-kawza, stante li r-responsabilita' hija tal-konvenut, hu ghandu ibati l-maggor parti ta' l-ispejjez, izda billi t-talba fic-citazzjoni ma ntlaqatx ghall kollox, l-attrici ghandha tbati parti zghira mill-ispejjez.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm350;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm350;

bl-ispejjez kwantu ghall-tliet kwarti ghalll-konvenut u kwantu ghal kwart ghall-attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**